- Servizzi oħra ta' inġinerija sakemm dawn jiffurmaw parti minn pakkett integrat ta' servizzi għal proġett turnkey
- Servizzi tal-prospettar ġeoloġiku, ġeofiżiku u xjentifiku ieħor, inklużi servizzi topografiċi
- Servizzi ta' stħarriġ tal-parti ta' taħt il-wiċċ b'metodi sizmografici, gravimetriċi, u manjetometirici, u metodi ta' stħarriġ tal-parti ta' taħt il-wiċċ oħrajn
- Servizzi ta' stħarriġ tal-wiċċ li jikkonsistu fil-ġbir ta' informazzjoni rigward l-għamla, il-pożizzjoni, u l-limiti ta' parti mid-dinja sabiex isiru l-mapep
- Servizzi tal-preparazzjoni ta' mapep, li jikkonsistu fil-preparazzjoni u fir-reviżjoni ta' mapep ta' kull tip, bl-użu tar-riżultati tal-attivitajiet tal-istħarriġ, mapep oħra u sorsi oħra ta' informazzjoni
- Servizzi ta' stħarriġ (inklużi servizzi fotografammatiċi) u servizzi tekniċi (servizzi ta' kontroll tekniku, servizzi ta' għajnuna teknika, eċċ.)

Grupp 714: Servizzi tal-arkitettura tal-ippjanar u l-pajsaġġ urban

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi tal-ippjanar urban li jinvolvu servizzi koordinati tal-iżvilupp urban
- Servizzi arkitettoniċi marbuta mal-ambjent li jinvolvu servizzi ta' ppjanar u diżinn għat-tisbiħ ta' parks, art kummerċjali u residenzjali, eċċ.

Grupp 716: Servizzi ta' ttestjar, analiżi u konsulenza teknika

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi tal-kompożizzjoni u tat-testijiet tal-purità u l-analiżi li jikkonsistu fi: l-ittestjar u l-analiżi tal-proprjetajiet kimiċi u bijoloġiċi ta' materjali bħall-arja, l-ilma, l-iskart, il-fjuwils, il-metall, il-ħamrija, il-minerali, l-ikel u l-kimiċi; servizzi ta' ttestjar u analiżi f'oqsma xjentifiċi relatati bħall-mikrobijoloġija, bijokimika, batterjoloġija, eċċ. jew ta' ttestjar u analiżi tal-proprjetajiet fiżiċi, tat-tensjoni, tal-ebusija, tar-reżistenza tal-impatt, tar-reżistenza tar-reħja u tal-effetti minħabba temperaturi għoljin
- Servizzi ta' spezzjonijiet u testijiet tekniċi li jikkonsistu fi: servizzi tal-ittestjar u l-analiżi tal-karatteristiċi mekkaniċi u elettriċi ta' makkinarju komplut, magni, għodod, tagħmir, u apparat ieħor li jinkorpora komponenti mekkaniċi u elettriċi, jew servizzi ta' spezzjoni teknika fuq karozzi, muturi, karozzi tal-linja, trakkijiet, u vetturi oħra tat-trasport fit-triq
- Servizzi tal-spezzjoni u testijiet tekniċi għall-bini, strutturi tal-ingenierija, eċċ.

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi ta' valutazzjoni għall-ħsarat f'isem il-kumpaniji tal-assigurazzjoni, li jinsabu fil-klassi 6721
- Servizzi ta' analiżi u testijiet mediċi, li jinsabu fil-klassi 8514

DIVIŻJONI 72: SERVIZZI TA' IT: KONSULENZA, ŻVILUPP TA' SOFTWER, INTERNET U APPOĠĠ

Biex tagħti deskrizzjoni aktar preċiża, uża l-Vokabolarju Supplimentari, it-Taqsima J, 'Attributi residwi għall-kompjuting, it-teknoloġiji tal-informatika jew il-komunikazzjoni'

Din id-diviżjoni ma tinkludix:

- Pakketti tas-softwer u sistemi ta' informazzjoni, li jinsabu fid-diviżjoni 48

Grupp 721: Servizzi ta' konsulenza dwar hardware

Dan il-grupp jinkludi l-forniment ta' konsulenza u għajnuna dwar materji relatati mal-ġestjoni tar-riżorsi tal-kompjuters f'negożji u istituzzjonijiet

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Forniment ta' konsulenza dwar materji tekniċi relatati mas-sistemi tal-kompjuter, li jinsabu fil-klassi 7222

Grupp 722: Servizzi ta' konsulenza dwar il-programmizzar tas-softwer

Klassi 7221: Servizzi ta' programmizzar tal-pakkeġġi tal-prodotti tas-software

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi tal-ipprogrammar ta' sistemi u softwer tal-utent, li jikkonsistu fl-iżvilupp u fil-bejgħ ta' sistemi u softwer ta' għodda ppakkjat għall-utent

- Servizzi tal-ipprogrammar ta' softwer ta' applikazzjoni, li jikkonsisti fl-iżvilupp u fil-bejgħ ta' softwer ta' applikazzjoni ppakkjat

Din il-klassi ma tinkludix:

- Il-bejgħ bl-imnut ta' softwer ippakkjat, li jinsab fil-grupp 527

Klassi 7222: Servizzi dwar is-sistemi ta' konsulenza teknika speċjali

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi ta' konsulenza rigward il-bejgħ bl-imnut, li jinsabu fil-grupp 555

- Taħriġ ta' persunal fl-użu ta' sistemi tal-kompjuter, li jinsabu fil-klassi 8042

Klassi 7223: Servizzi tal-iżvilupp ta' software magħmul apposta

Din il-klassi tinkludi l-iżvilupp (l-analiżi, id-diżinn u l-ipprogrammar) ta' softwer għal, u sabiex jilħaq ir-rekwiżiti ta', klijent speċifiku, u l-modifikazzjoni ta' softwer ippakkjat

Klassi 7224: Servizzi tal-analiżi u l-programmizzar tas-sistema

Din il-klassi tinkludi l-forniment ta' servizzi ta' analisti tas-sistema u/jew ta' programmaturi fuq bażi *per diem* sabiex jipparteċipaw f'waħda mill-fażijiet tal-iżvilupp ta' sistema. Il-klijent jissorvelja u jżomm id-dritt għax-xogħol tagħhom.

Din il-klassi ma tinkludix:

- Il-kunsinna ta' softwer ikkummissjonat mill-klijent fejn l-iżviluppatur jissorvelja u jkun involut fil-fażijiet kollha (l-analiżi, id-diżinn u l-ipprogrammar) ta' proġett ta' żvilupp, li jinsab fil-klassi 7223

Klassi 7225: Servizzi ta' sistemi u appoġġ

Din il-klassi tinkludi l-forniment ta' għajjnuna sabiex is-sistemi tal-kompjuter (is-software) jinżammu f'kundizzjoni tajba. Il-manutenzjoni tista' tkun korrettiva jew preventiva.

Klassi 7226: Servizzi relatati mas-software

Din il-klassi tinkludi servizzi ta' softwer li mhumiex klassifikati mkien ieħor, bħalma huma servizzi ta' implimentazzjoni ta' softwer, servizzi ta' riproduzzjoni ta' softwer (li jikkonsistu f'servizzi ta' riproduzzjoni minn kopji oriġinali fuq kull tip ta' diska u tejp), eċċ.

Grupp 723: Servizzi tad-dejta

Nota: is-servizzi fejn il-fornitur juża l-kompjuter bħala għodda biss mhumiex klassifikati hawnhekk, iżda skont in-natura tas-servizz imwettaq

Klassi 7232: Servizzi ta' bażi dejta

Din il-klassi tinkludi servizzi ta' bażi dejta ta' valur miżjud u servizzi tal-ġestjoni tad-dejta.

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Il-forniment ta' servizzi ta' netwerk tat-telekomunikazzjoni meħtieġa biex ikun hemm aċċess għad-bażi dejtas, li jinsabu fil-klassi 6421

- Servizzi li jnvolvu t-tifitx ta' dokumenti, li jinsabu fil-klassi 9251

DIVIŻJONI 73: SERVIZZI TA' RIĊERKA U ŻVILUPP U SERVIZZI RELATATI MAL-KONSULENZA

Biex tagħti deskrizzjoni aktar preċiża, uża l-Vokabolarju Supplimentari, it-Taqsima R, 'Attributi residwi għal servizzi ta' riċerka'.

Din id-diviżjoni ma tinkludix:

- Servizzi ta' riċerka tas-suq, li jinsabu fil-klassi 7931

Grupp 731: Servizzi ta' riċerka u żvilupp sperimentali

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi ta' riċerka u żvilupp sperimentali dwar ix-xjenzi soċjali u l-umanitajiet, l-ekonomija, il-liġi, il-lingwistika, il-lingwi, eċċ.

- Servizzi ta' laboratorji tar-riċerka

- Servizzi ta' riċerka marittima

DIVIŻJONI 75: SERVIZZI TAL-AMMINISTRAZZJONI, DIFIŻA U SIGURTÀ SOĊJALI

Grupp 751: Servizzi tal-amministrazzjoni

Klassi 7511: Servizzi pubbliċi ġenerali

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi eżekuttivi u leġiżlattivi furnuti minn diversi entitajiet tal-gvern f'livelli differenti, jiġifieri ċentrali, reġjonali u lokali, jew ministeri u minn impjegati amministrattivi jew ta' konsulenza oħra li huma impjegati ma' korpi leġiżlattivi jew eżekuttivi
- Servizzi amministrattivi għall-operazzjonijiet tan-negozju li jikkonsistu f'servizzi amministrattivi pubbliċi relatati mal-agrikoltura, il-foresterija, is-sajd u l-kaċċa, il-fjuwils u l-enerġija, it-tħaffir u r-riżorsi naturali, il-manifattura u l-konstruzzjoni, it-trasport u l-komunikazzjoni, ix-xogħol tad-distribuzzjoni u tal-forniment tal-ikel, lukandi u ristoranti jew affarijiet ekonomiċi, kummerċjali u tax-xogħol

Grupp 752: Provvediment tas-servizzi lejn il-komunità

Klassi 7521: Servizzi tal-aspetti barranin u oħrajn relatati

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi amministrattivi relatati mal-affarijiet esteri, servizzi diplomatiċi u konsulari li jikkonsistu f'servizzi amministrattivi, operattivi u ta' sostenn għall-ministeri tal-affarijiet barranin u għal missjonijiet diplomatiċi u konsulari stazzjonati barra l-pajjiż jew f'uffiċini ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew servizzi ta' informazzjoni u kulturali maħsuba għad-distribuzzjoni lil hinn mit-territorji nazzjonali, inklużi libreriji, kmamar tal-qari u servizzi ta' referenza li jinsabu barra l-pajjiż
- Servizzi ta' għajjnuna ekonomika barranija li jikkonsistu f'servizzi amministrattivi għall-għajjnuna ekonomika lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-forniment ta' jew is-sostenn għall-għajjnuna teknika u t-taħriġ
- Servizzi marbuta mal-għajjnuna militari barranija li jikkonsistu f'servizzi amministrattivi li jikkonċernaw missjonijiet ta' għajjnuna militari, għotjiet jew self għall-għajjnuna militari, kontribuzzjoni għall-forzi internazzjonali taż-żamma tal-paċi

Klassi 7524: Servizzi tas-sigurtà pubblika, liġi u ordni tajba

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi tas-sigurtà pubblika li jikkonsistu f'servizzi amministrattivi u operattivi furnuti mill-forzi tal-pulizija li huma ffinanzjati mill-awtoritajiet pubbliċi, kif ukoll mill-pulizija portwali, il-pulizija tal-fruntieri, il-gwardji kostali u minn forzi speċjali oħra tal-pulizija; servizzi tal-pulizija relatati mar-regoli tat-traffiku, ir-reġistrazzjoni tal-barranin, il-funzjonament ta' laboratorji tal-pulizija u ż-żamma tar-rekords tal-pulizija
- Servizzi tal-liġi u l-ordni pubbliku li jikkonsistu fl-amministrazzjoni, il-kontroll u s-sostenn ta' attivitajiet għall-promozzjoni tal-ordni pubbliku u s-sikurezza u l-iżvilupp ta' politika ġenerali relatata

Klassi 7525: Servizzi tal-brigata għat-tifi tan-nar u tas-salvataġġ

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi tal-brigata tat-tifi tan-nar li jikkonsistu f'servizzi amministrattivi u operattivi għat-tifi tan-nar u għall-prevenzjoni tan-nar minn brigadi tat-tifi tan-nar regolari u awżiljarji ffinanzjati mill-awtoritajiet pubbliċi
- Servizzi ta' salvataġġ

Grupp 753: Servizzi tas-sigurtà soċjali obligatorja

Klassi 7532: Skemi tal-penzjonijiet tal-ħaddiema mal-gvern

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' amministrazzjoni pubblika għal skemi ta' pensjonijiet tal-impjegati taċ-ċivil
- Servizzi amministrattivi u operattivi għal pjani ta' irtirar, pensjoni u diżabbiltà għall-impjegati tal-gvern u s-superstiti tagħhom, inklużi skemi ta' għajjnuna soċjali mill-gvern li jikkompensaw għat-telf permanenti ta' dħul minħabba diżabbiltà parzjali jew sħiħa

Klassi 7533: Allokazzjonijiet għall-familji

Din il-klassi tinkludi servizzi amministrattivi, operattivi u ta' sostenn pubbliċi għal għajjnuniet ta' dħul għall-familji.

Klassi 7534: Allokazzjonijiet għat-tfal

Din il-klassi tinkludi servizzi amministrattivi, operattivi u ta' sostenn pubbliċi għal għajjnuniet ta' dħul għall-familji bi tfal li huma dipendenti.

DIVIŻJONI 76: SERVIZZI RELATATI MAL-INDUSTRIJA TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi tal-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass, li jinsabu fil-klassi 7135
- Servizzi ta' bini, tiswiġa u żarmar ta' torrijiet tat-tħaffir, li jinsabu fil-klassijiet 4525 u 5053

DIVIŻJONI 77: SERVIZZI AGRIKOLI, TAL-ORTIKULTURA, TAL-AKKWAKULTURA U TAL-APIKULTURA

Grupp 771: Servizzi tal-agrikoltura

Dan il-grupp jinkludi servizzi marbuta mal-produzzjoni agrikola, li jsiru l-aktar fis-sit tal-produzzjoni agrikola, bħalma huma l-preparazzjoni tal-għelieqi, it-tħawwil u t-trattament tal-ħxejjex, it-tirqim tas-siġar tal-frott u d-dwieli, it-trapjant tar-ross u t-tnaqqija tal-pitravi, servizzi ta' haġg tal-qoton, il-ħsad u l-preparazzjoni tas-swieq primarji, servizzi oħra meħtieġa għall-produzzjoni agrikola.

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi ta' traxxix mill-ajru, li jinsabu fil-klassi 6044

Grupp 772: Servizzi tal-forestrija

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi tal-qtugħ tas-siġar fi zkuk u servizzi marbuta mal-qtugħ tas-siġar bħal servizzi ta' ħsad tal-injam, il-ġarr ta' injam fil-foresti, servizzi tat-tneħħija ta' siġar, servizzi ta' qtugħ ta' siġar, servizzi ta' manutenzjoni tas-siġar
- Servizzi ta' saturazzjoni tal-injam li jikkonsistu f'servizzi ta' saturazzjoni jew fit-trattament kimiku tal-injam bi preżervattivi jew materjal ieħor (inkluż it-tinxif tal-injam)
- Servizzi marbuta mal-produzzjoni tal-foresterija bħalma huma t-trapjant, it-tħawwil mill-ġdid, it-tirqim, l-inventarji tal-foresti, il-valutazzjoni tal-injam, servizzi ta' ġestjoni tal-foresterija inklużi servizzi tal-valutazzjoni ta' hsrat fil-foresti

Grupp 773: Servizzi tal-ortikultura

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi arkitettoniċi tal-ippjanar tal-ambjent, li jinsabu fil-klassi 7142

Grupp 775: Servizzi tal-kura tal-annimali tal-irziezet

Dan il-grupp jinkludi s-servizzi meħtieġa għall-produzzjoni tat-trobbija tal-annimali bħalma huma dawk tal-inseminazzjoni artifiċjali, il-geżż tan-nagħaġ, il-kura u l-ġestjoni tal-merħliet u t-tkabbir tal-annimali u t-tjur tal-kaċċa.

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi veterinarji, li jinsabu fil-grupp 852

DIVIŻJONI 79: SERVIZZI TA' NEGOZJU: LIĠI, KUMMERĊJALIZZAZZJONI, KONSULENZA, REKLUTAĠĠ, STAMPAR U SIGURTA'

Biex tagħti deskrizzjoni aktar dettaljata għall-grupp 791 Servizzi legali, uża l-Vokabolarju Supplimentari, it-Taqsima Q, 'Attributi residwi għar-reklamar u servizzi ta' konsulenza legali'.
Biex tagħti deskrizzjoni aktar dettaljata għall-kategorija 79341 Servizzi ta' reklamar, uża l-Vokabolarju Supplimentari, it-Taqsima Q, 'Attributi residwi għar-reklamar u servizzi ta' konsulenza legali'.
Biex tagħti deskrizzjoni aktar dettaljata għall-klassi 7981 Servizzi ta' stampar, uża l-Vokabolarju Supplimentari, it-Taqsima T, 'Attributi residwi għal servizzi ta' stampar'.
Biex tagħti deskrizzjoni aktar dettaljata għall-grupp 793 Riċerka ekonomika, uża l-Vokabolarju Supplimentari, it-Taqsima R, 'Attributi residwi għal servizzi ta' riċerka'.

Grupp 791: Servizzi legali

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi ta' konsulenza u rappreżentazzjoni legali, li jikkonsistu f'konsulenza, rappreżentazzjoni, l-abbozzar ta' dokumenti u servizzi relatati li jikkonċernaw il-liġi kriminali u oqsma oħra tal-liġi, il-proċeduri statutorji ta' tribunali kważi-ġuridiċi, bordijiet, eċċ.
- Servizzi ta' konsulenza dwar il-privattivi u d-drittijiet tal-awtur, li jikkonsistu f'servizzi ta' preparazzjoni, abbozzar u ċertifikazzjoni dwar privattivi u drittijiet tal-awtur; il-forniment ta' diversi servizzi legali relatati, inkluż il-forniment ta' konsulenza u l-eżekuzzjoni ta' diversi impenji meħtieġa għat-tfassil jew iċ-ċertifikazzjoni ta' privattivi jew drittijiet tal-awtur
- Servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali li jikkonsistu f'servizzi ta' preparazzjoni, abbozzar u ċertifikazzjoni ta' dokumenti legali, minbarra l-privattivi u d-drittijiet tal-awtur; il-forniment ta' numru ta' servizzi legali relatati, inklużi l-forniment ta' konsulenza u l-eżekuzzjoni ta' diversi impenji relatati mat-tfassil jew maċ-ċertifikazzjoni ta' dawn id-dokumenti; l-abbozzar ta' testmenti, kuntratti taż-żwieġ, kuntratti kummerċjali, negozji, inkartamenti, eċċ.

-Servizzi ta' konsulenza u informazzjoni legali, li jinkludu servizzi ta' konsulenza lill-klijenti li jikkonċernaw id-drittijiet u l-obbligi legali tagħhom; il-forniment ta' informazzjoni dwar materji legali mhux ikklassifikati mkien ieħor; servizzi bħalma huma dawk relatati ma' kontijiet blokkati u proprjeta

Grupp 792: Servizzi tal-kontijiet, l-awditjar u fiskali

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi ta' kontabilita li jikkonsistu f' servizzi bħal: servizzi ta' żamma tal-kotba li jikkonsistu fil-klassifikazzjoni u fir-reġistrazzjoni ta' tranżazzjonijiet tan-negozju f' termini ta' flus jew xi unita ta' kejl fil-kotba tal-kontijiet, jew servizzi ta' kumpilazzjoni ta' rendikonti finanzjarji inkluż il-kumpilazzjoni ta' dikjarazzjonijiet mill-informazzjoni fornuta mill-klijent, il-mili tal-formoli tat-taxxa fuq id-dħul, meta dawn ikunu fornuti bħala pakkett flimkien mal-preparazzjoni tar-rendikonti finanzjarji għal miżata waħda
- Servizzi ta' verifika li jikkonsistu f' servizzi bħal: servizzi ta' verifika finanzjarja inklużi l-eżaminazzjoni tal-kontijiet u ta' evidenza oħra ta' sostenn fornuti minn organizzazzjoni sabiex din tesprimi l-opinjoni tagħha dwar ir-rendikonti finanzjarji tagħha, jew servizzi oħra ta' verifika bħalma huma s-servizzi ta' verifika interna, servizzi ta' verifika statutorja, servizzi ta' verifika ta' frodi jew servizzi ta' analiżi tal-kontijiet, li jikkonsistu f' servizzi ta' analiżi ta' rendikonti finanzjarji annwali u interim u informazzjoni oħra ta' kontabilita; l-għan tal-analiżi huwa inferjuri għal dak tal-verifika u l-livell ta' assigurazzjoni huwa għalhekk aktar baxx
- Servizzi fiskali li jikkonsistu fi: servizzi ta' konsulenza fiskali inkluża konsulenza lil kumpaniji u individwi privati sabiex jitnaqqsu t-taxxi kemm jista' jkun; it-tfassil u d-difiża ta' rendikonti jew dokumenti finanzjarji b'reazzjoni għal talba li tkun saret mill-awtoritajiet fiskali; servizzi li jikkonsistu f' ghajjnuna lill-intrapriżi fl-ippjanar u l-kontroll tat-taxxi, u l-preparazzjoni tad-dokumenti kollha, jew servizzi ta' mili tal-formoli tax-taxxa fuq id-dħul

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi ta' kontabilita bħala parti minn servizzi ta' ġestjoni, li jinsabu fil-klassi 7941

Grupp 793: Riċerka tas-suq u ekonomika; stħarriġ tal-opinjoni pubblika u statistika

Klassi 7931: Servizzi ta' riċerka tas-suq

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi tar-riċerka tas-suq, li jikkonsistu fl-analiżi tas-suq, l-analiżi tal-kompetizzjoni u l-imġiba tal-konsumaturi, l-użu ta' studji, statistika, mudelli ekonometriki, stħarriġ, eċċ., servizzi ta' studji tal-vijabbiltà, analiżi tal-prestazzjoni

Klassi 7932: Servizzi ta' sondaġġ dwar l-opinjoni pubblika

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika li jikkonsistu f' servizzi ta' investigazzjoni maħsuba sabiex jiżguraw l-informazzjoni dwar opinjonijiet pubbliki relatati ma' kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi, politiċi u oħrajn

Klassi 7534: Servizzi tar-reklamar u l-marketing

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' reklamar bħal servizzi ta' bejgħ jew kiri għal spazji jew ħin ta' pubbliċita; servizzi ta' ppjanar, ħolqien u pozzizzjonament ta' reklami; servizzi ta' reklamar barra u mill-ajru; servizzi ta' kunsinna ta' kampjuni u materjal pubbliċitarju ieħor
- Servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni bħal servizzi promozzjonali, servizzi tal-klijent, servizzi ta' stħarriġ dwar il-klijent, stħarriġ dwar is-sodisfazzjoni tal-klijent, servizzi għall-klijent bil-karozza, programmi ta' lealta tal-konsumatur

Grupp 794: Servizzi tal-immaniġġjar tan-negozju u dawk relatati magħhom

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi ta' riċerka dwar il-ġestjoni tas-sistemi tal-ipproċessar tad-dejta, li jinsabu fil-grupp 721
- Servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni tal-portafoll għal perjodu qasir, li jinsabu fil-grupp 661
- Servizzi ta' reklamar, li jinsabu fil-kategorija 79341
- Servizzi ta' rappreżentazzjoni f' isem waħda mill-partijiet fi kwistjoni u servizzi ta' konsulenza fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali, li jinsabu fil-klassi 9811

Klassi 7941: Servizzi ta' konsulenza dwar in-negozju u l-immaniġġjar

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' konsulenza għall-ġestjoni ġenerali, li jikkonsistu f' servizzi ta' konsulenza, gwida u ghajjnuna operattiva dwar il-politika u l-istrateġija tan-negozju u l-ippjanar, l-istrutturar u l-kontroll ġenerali tal-organizzazzjoni
- Servizzi ta' konsulenza għall-ġestjoni finanzjarja (minbarra t-taxxi tal-kumpanija) li jikkonsistu f' servizzi ta' konsulenza, gwida u ghajjnuna operattiva dwar oqsma ta' deċiżjoni li huma finanzjarji fin-natura tagħhom (l-analiżi ta' proposti għall-investment fil-kapital, il-valutazzjoni tan-negozju qabel amalgamazzjonijiet u akkwisti, eċċ.)

- Servizzi ta' konsulenza għall-ġestjoni tal-kummerċjalizzazzjoni, li jikkonsistu f' servizzi ta' konsulenza, gwida u għajjnuna operattiva li jikkonċernaw l-istrateġija tal-kummerċjalizzazzjoni u l-operat tal-kummerċjalizzazzjoni tal-organizzazzjoni
- Servizzi ta' konsulenza għall-ġestjoni tar-riżorsi umani, li jikkonsistu f' servizzi ta' konsulenza, gwida u assistenza operattiva li jikkonċernaw il-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-organizzazzjoni
- Servizzi ta' konsulenza għall-ġestjoni tal-produzzjoni, li jinkludu servizzi ta' konsulenza, gwida u għajjnuna operattiva rigward metodi sabiex titjeb il-produttività, jtnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni u titjeb il-kwalità tal-produzzjoni. L-inkarigi ta' konsulenza dwar il-produzzjoni jistgħu jikkonċernaw l-istandards tal-kontroll tal-kwalità, id-diżinn, il-prestazzjoni, eċċ.
- Servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi, li jikkonsistu f' servizzi ta' konsulenza, gwida u għajjnuna operattiva rigward metodi sabiex titjeb id-dehra u r-relazzjonijiet ta' organizzazzjoni jew ta' individwu mal-pubbliku ġenerali, il-gvern, il-votanti, l-azzjonisti u oħrajn
- Servizzi ta' konsulenza ta' ġestjoni oħra li jikkonċernaw materji oħra bħalma huma servizzi ta' konsulenza dwar is-sikurezza, servizzi ta' konsulenza dwar l-akkwisti, u servizzi ta' konsulenza dwar l-impatt ambjentali

Klassi 7942: Servizzi relatati mal-immaniġġjar

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi tal-ġestjoni ta' proġett li jikkonsistu f' servizzi ta' koordinazzjoni u sorveljanza tar-riżorsi fil-preparazzjoni, fit-tweqqif u fit-tlestija ta' proġett f' isem il-klijent (is-servizzi tal-ġestjoni ta' proġett jistgħu jinvolvu l-ibbaġittjar, il-kontroll tal-kontijiet u tal-ispejjeż, l-akkwisti, l-ippjanar ta' skali ta' żmien u kundizzjonijiet operattivi oħra, ix-xogħol ta' koordinazzjoni u tas-subkuntratturi, l-ispezzjoni u l-kontroll tal-kwalità, eċċ.)
- Servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni li jikkonsistu f' servizzi ta' għajjnuna li jinvolvu l-arbitraġġ jew il-medjazzjoni sabiex tissolva kwistjoni bejn il-ħaddiem u l-maniġment, bejn negozju u individwi
- Servizzi ta' ġestjoni ta' proġett relatati max-xogħol tal-kostruzzjoni u l-inġinerija ċivili huma inklużi f' din il-kategorija

Grupp 796: Servizzi ta' reklutaġġ

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi ta' forniment ta' servizzi domestiċi speċjalizzati permezz tal-ħaddiema li huma fuq il-kotba tal-fornitur, ikklassifikati skont is-servizzi mwettqa, pereżempju servizzi ta' tindif, li jinsabu fil-grupp 909
- Servizzi minn aġenti u aġenziji f' isem individwi li s-soltu jfittxu xogħol fil-films taċ-ċinema, fi produzzjonijiet teatrali jew f' mezz oħrajn ta' divertiment, jew f' attrazzjonijiet sportivi, li jinsabu fil-grupp 799

Klassi 7961: Servizzi tal-posizzjonar tal-personal

Din il-klassi tinkludi servizzi ta' impjegar għall-ħaddiema li jikkonsistu fit-tiftix, l-għażla u r-riferiment ta' impjegati eżekuttivi sabiex jiġu impjegati minn oħrajn

Klassi 7962: Servizzi ta' provvista ta' persunal inkluż impjegati temporanji

Din il-klassi tinkludi l-forniment lill-klijenti ta' impjegati mikrija mill-fornitur, li jħallas il-pagi tagħhom.

Grupp 797: Servizzi tal-investigazzjoni u tas-sigurtà

Klassi 7971: Servizzi tas-sigurtà

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi tas-sorveljanza ta' allarmi li jikkonsistu fis-sorveljanza ta' apparat tas-sistemi tas-sigurtà
- Servizzi ta' gwardja li jikkonsistu fil-forniment ta' servizzi protettivi permezz ta' impjegati mikrija sabiex jiżguraw is-sigurtà ta' persuni jew ta' proprjetajiet privati, industrijali jew kummerċjali billi jħarsuhom kontra ħruq, serq, vandaliżmu jew aċċess illegali
- Servizzi ta' sorveljanza bħalma huma s-servizzi tas-sistema tal-intraċċar
 - Servizzi tar-ronda

Klassi 7972: Servizzi tal-investigazzjoni

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi li jikkonsistu fl-investigazzjoni ta' każijiet sottomessi mill-klijent, li jikkonċernaw kriminalità, serq, frodi, serq mill-ħwienet, persuni nieqsa u prattiki legali jew illegali oħra
- Investigazzjoni interna u infiltrata
- Servizzi ta' protezzjoni minn serq fil-ħwienet
- Servizzi ta' aġenziji ta' investigaturi

Grupp 799: Servizzi varji tan-negozju u dawk relatati miegħu

Klassi 7991: Servizzi ta' holdings maniġerjali

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi ta' ġestjoni ta' kumpaniji ta' proprjetà finanzjarja, li jinsabu fid-diviżjoni 66

Klassi 7992: Servizzi tal-ippakkjar u dawk relatati

Din il-klassi tinkludi servizzi li jikkonsistu fl-ippakkjar ta' oġġetti għal persuni oħra, bħalma huma prodotti tal-ikel, farmaċewtiċi, prodotti tat-tindif tad-dar, preparazzjonijiet tat-twaletta u ħardwer, bl-użu ta' varjetà ta' teknika ta' ppakkjar awtomatiku jew manwali. L-ippakkjar ta' pakki u rigali huwa inkluż ukoll.

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi ta' ppakkjar u imballaġġ relatati mat-trasport, li jinsabu fid-diviżjoni 63

- Servizzi tad-diżinn tal-ippakkjar, li jinsabu fil-klassi 7993

Jekk is-servizzi tal-ippakkjar jinkludu wkoll l-ipproċessar tal-materjali tal-klijent fi prodott differenti (pereżempju, it-taħlit tal-ilma ma' konċentrat għall-produzzjoni ta' xorb minerali, is-sajran tal-ħut qabel ma jitqiegħed fil-laned, it-taħlit ta' kremi u ta' materjali li jagħtu l-kulur f'kożmetiċi) dan jiġi klassifikat fit-taqsimi rilevanti.

Klassi 7993: Servizzi ta' disinjati speċjalizzati

Din il-klassi tinkludi servizzi li jikkonsistu fil-ħolqien ta' diżinni u fil-preparazzjoni ta' mudelli għal varjetà ta' prodotti bl-armonizzar ta' kunsiderazzjonijiet estetiċi ma' rekwiżiti tekniċi u oħrajn, bħal:

- Servizzi tat-tiżjin ta' ġewwa

- Servizzi tad-diżinn ta' ġewwa

- Servizzi tal-appoġġ tad-diżinn

- Servizzi tad-diżinn tal-għamara

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi tad-diżinn tekniċi għal prodotti industrijali, li jinsabu fil-klassi 7132

- Servizzi tad-diżinn grafiku, li jinsabu fil-klassi 7982

- Servizzi tal-format grafiku ta' materjal pubbliċitarju, li jinsabu fi 7934

Klassi 7994: Servizzi tal-aġenzija tal-ġbir

Din il-klassi tinkludi servizzi li jikkonsistu fil-ġbir ta' kontijiet, ċekkijiet, kuntratti jew noti u fil-ħlas ta' flus lill-klijent; servizzi tal-ġbir ta' kontijiet u djun u s-servizzi tal-irkupru li jiġu wara għal ħlasijiet b'lura, ix-xiri f'daqqa ta' kontijiet delinkwenti u djun u l-irkupru sussegwenti.

Klassi 7995: Servizzi tal-organizzazzjoni ta' fieri u l-esibizzjonijiet, u tal-organizzazzjoni tal-kongressi

Din il-klassi tinkludi servizzi li jikkonsistu fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti (wirjiet jew eżibizzjonijiet kummerċjali); l-organizzazzjoni ta' laqgħat u kongressi xjentifiċi jew kulturali; il-forniment u l-istabbiliment ta' tagħmir tal-eżibizzjoni assoċjat mal-organizzazzjoni ta' eżibizzjoni.

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi operattivi għall-faċilitajiet tal-arti, li jinsabu fil-klassi 9232

- Servizzi organizzattivi għall-avvenimenti sportivi, li jinsabu fil-klassi 9262

Klassi 7996: Servizzi tal-fotografija u anċillarji

Din il-klassi ma tinkludix:

- Reġistrazzjonijiet fotogrammetriċi u l-ġbir ta' dejta bis-satellita, li jinsabu fil-klassi 7135

DIVIŻJONI 80: SERVIZZI TA' EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ

Grupp 801: Servizzi tal-edukazzjoni primarja

Din il-grupp jinkludi:

- Servizzi tal-edukazzjoni ta' qabel l-iskola formali furnuti minn skejjel tat-trabi, skejjel tan-nuna jew taqsimiet speċjali marbuta ma' skejjel primarji li għandhom l-għan prinċipali li jintroduċu tfal żgħar ħafna għat-tip ta' ambjent li dawn jistennu fi skola

- Servizzi oħra ta' edukazzjoni primarja fl-ewwel livell; dawn is-servizzi edukattivi huma maħsuba sabiex jagħtu lit-tfal edukazzjoni bażika f'diversi suġġetti u huma karatterizzati b'livell relattivament baxx ta' speċjalizzazzjoni

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi ta' kura tat-tfal għal matul il-jum, li jinsabu fil-klassi 8531

Grupp 802: Servizzi tal-edukazzjoni sekondarja

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi ta' edukazzjoni sekondarja teknika u vokazzjonali (minbarra dawk li huma speċifikament maħsuba għal persuni b'diżabbiltà) li huma servizzi ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali taħt il-livell universitarju. Dawn is-servizzi edukattivi jikkonsistu fi programmi li jenfasiszaw l-ispeċjalizzazzjoni fi u l-istruzzjoni ta' suġġetti, bit-tagħlim ta' hilit teoretiċi u prattiċi; normalment dawn jiffukaw fuq applikazzjonijiet li jkunu speċifiċi għal xi professjoni.

Grupp 803: Servizzi tal-edukazzjoni għolja

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi ta' edukazzjoni post-sekondarja teknika u vokazzjonali taħt il-livell ta' grad universitarju. F' termini ta' suġġetti, dawn is-servizzi edukattivi jikkonsistu f' varjetà kbira ta' programmi; dawn jenfasizzaw it-tagħlim ta' ħliet prattiċi iżda jinvolvu wkoll tagħlim teoretiku bażiku sostanzjali (pereżempju servizzi ta' edukazzjoni medika, servizzi ta' edukazzjoni dwar is-sikurezza, u servizzi ta' edukazzjoni speċjali).
- Servizzi oħra ta' edukazzjoni oġġla li jikkonsistu f' servizzi edukattivi li jwasslu għal grad universitarju jew wieħed ekwivalenti; dawn is-servizzi edukattivi jiġu fornuti mill-universitajiet jew minn istituti professjonali speċjalizzati; il-programmi ma jenfasizzawx biss it-tagħlim teoretiku iżda jkollhom ukoll l-għan li jħejju lill-istudenti sabiex jipparteċipaw f' riċerka oriġinali.

Grupp 804: Servizzi tal-edukazzjoni għall-adulti u oħrajn

Klassi 8043: Servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti fil-livell universitarju

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi edukattivi għall-adulti li mhumiex fis-sistema regolari tal-iskola jew l-università; dawn is-servizzi edukattivi jistgħu jiġu fornuti fi klassijiet ta' matul il-jum jew fil-għajra minn skejjet jew minn istituzzjonijiet speċjalizzati għall-edukazzjoni tal-adulti
- Servizzi edukattivi permezz ta' xandir bir-radju jew bit-televiżjoni jew b'taħriġ bil-korrispondenza u bl-għajna tal-kompjuter; il-programmi jistgħu jkopru suġġetti ġenerali kif ukoll vokazzjonali

DIVIŻJONI 85: SERVIZZI DWAR SAĦĦA TA' XOGĦOL SOĊJALI

Grupp 851: Servizzi tas-saħħa

Klassi 8511: Servizzi tal-isptar u dawk relatati magħhom

Din il-klassi tinkludi servizzi tal-isptar li jingħataw taħt id-direzzjoni ta' tobbja mediċi l-aktar lill-pazjenti residenti, maħsuba sabiex jikkuraw, jirrestawraw u/jew iżommu s-saħħa ta' pazjent, bħal:

- Servizzi mediċi u paramediċi
- Servizzi tekniċi tal-laboratorju
- Servizzi radjoloġiċi u anestesjoloġiċi, eċċ.

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi li jingħataw mill-kliniċi tal-pazjenti esterni tal-isptar, li jinsabu fil-klassi 8512
- Servizzi dentali, li jinsabu fil-klassi 8513
- Servizzi ta' ambulanza, li jinsabu fil-klassi 8514

Klassi 8512: Servizzi tal-prattika medika u dawk relatati

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' konsultazzjoni u trattament minn tobbja li jikkonsistu fil-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-trattament mit-tobba permezz tal-mediċina għal mard fiżiku u/jew mentali ta' natura ġenerali. Dawn is-servizzi mhumiex limitati għal kundizzjonijiet, mard jew reġjuni anatomiċi speċifiċi jew partikolari. Dawn jistgħu jiġu fornuti fil-kliniċi tal-tobba kif ukoll mill-kliniċi tal-pazjenti esterni, mill-kliniċi ta' intrapriżi, skejjet, eċċ.
- Servizzi ta' konsultazzjoni u trattament minn speċjalisti mediċi u kirurġiċi fil-pedjatrija, ginekoloġija/ostetriċja, newroloġija, eċċ.; servizzi ta' konsultazzjoni kirurġika; servizzi ta' trattament fil-kliniċi tal-pazjenti esterni; esplorazzjoni funzjonali u l-interpretazzjoni ta' ritratti mediċi

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi fornuti minn laboratorji mediċi, li jinsabu fil-klassi 8514

Klassi 8513: Servizzi tal-prattika dentali u dawk relatati

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ortodontiċi, pereżempju t-trattament ta' snien li jisporġu 'l barra, crossbites, eċċ. Anke meta dawn jingħataw fi spatrijiet lil pazjenti residenti; servizzi fil-qasam tal-kirurġija orali; servizzi dentali speċjalizzati oħra, pereżempju fil-qasam ta' perjodontika, endodontika, eċċ.
- Servizzi oħra tal-prattika dentali li jikkonsistu f' servizzi ta' prevenzjoni, dijanjożi u trattament għall-mard dentali li jaffettwa lill-pazjent. Dawn is-servizzi dentali jistgħu jsiru fi kliniċi tas-saħħa, bħal dawk li jinsabu fi skejjet, intrapriżi, eċċ., kif ukoll fil-kliniċi tad-dentist stess. Dawn ikopru servizzi fil-qasam tad-dentistrija ġenerali, bħalma huma eżamijiet dentali ta' rutina, kura dentali preventiva, it-trattament tal-ġebbla, eċċ.

Klassi 8514: Servizzi varji tas-saħħa

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi fornuti mill-persunal mediku, bħal servizzi fornuti mill-qwiebel bħas-sorveljanza matul it-tqala u waqt il-ħlas u s-sorveljanza tal-omm wara li twelled; servizzi fornuti mill-infermiera li jikkonsistu fil-forniment ta' kura

mill-infermiera fid-dar tal-pazjent jew fil-kliniċi tagħhom stess u l-forniment ta' kura għal waqt il-maternità, l-iġjene tat-tfal, eċċ.

- Servizzi paramediċi bħal servizzi ta' fiżjoterapija, servizzi ta' omeopatologija, servizzi ta' iġjene, il-kunsinna fid-djar ta' prodotti ta' inkontinenza
- Servizzi ta' ambulanza li jikkonsistu f' servizzi mediċi ġenerali u speċjalizzati li jsiru fl-ambulanza
- Servizzi ta' faċilità tas-saħħa residenzjali minbarra l-isptarijiet, inklużi servizzi kkombinati ta' alloġġ u assistenza medika furnuti mingħajr apparat tar-risuxitazzjoni jew ħaddiema mediċi
- Servizzi furnuti mil-laboratorji mediċi
- Servizzi furnuti mill-banek tad-demem, banek tal-ispermi, banek tat-trapjant tal-organi
- Servizzi tas-saħħa għall-kumpaniji
- Servizzi ta' analiżi medika
- Servizzi ta' spiżerija

Grupp 852: Servizzi veterinarji

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi veterinarji għall-annimali domestiċi u għall-annimali minbarra dawk domestiċi (inklużi annimali taż-żu u annimali li jitrabbew għall-produzzjoni tal-fer u prodotti oħra) li jikkonsistu f' servizzi mediċi, kirurġiċi u dentali fl-isptar jew mhux fl-isptar; dawn is-servizzi huma maħsuba għall-kura, ir-restawr u/jew iż-żamma tas-saħħa tal-annimali.
- Servizzi tal-laboratorju u dawk tekniċi, ikel u faċilitajiet u riżorsi oħra

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi relatati mat-trobbija tal-annimali bħalma huma l-inseminazzjoni artifiċjali, li jinsabu fil-grupp 775

Grupp 853: Servizzi ta' xogħol soċjali u dawk relatati

Klassi 8531: Servizzi ta' xogħol soċjali

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' ħidma soċjali bl-akkommodazzjoni bħalma huma servizzi tal-welfare għall-anzjani, persuni b' diżabbiltà, tfal u żgħażaġh; dawn is-servizzi jinvolvu servizzi matul il-ġurnata kollha minn istituzzjonijiet residenzjali
- Servizzi ta' ħidma soċjali mingħajr akkommodazzjoni bħal servizzi ta' kura għal matul il-jum għat-tfal, inklużi dawk għal tfal b' diżabbiltà u għaż-żgħażaġh, servizzi ta' gwida u ta' għoti ta' pariri, servizzi ta' ppjanar tal-familja, servizzi tal-welfare li ma jsirux permezz ta' istituzzjonijiet residenzjali, servizzi ta' riabilitazzjoni

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi tal-edukazzjoni, li jinsabu fid-diviżjoni 80
- Servizzi tar-riabilitazzjoni vokazzjonali fejn il-komponent tal-edukazzjoni jkun predominanti, li jinsabu fid-diviżjoni 80

DIVIŻJONI 90: SERVIZZI TA' DRENAĠĠ, SKART, TINDIF U AMBJENTALI

Grupp 904: Servizzi tad-drenaġġ

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi ta' ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni tal-ilma, li jinsabu fid-diviżjoni 41 u fil-grupp 651
- Servizzi tal-kostruzzjoni, tiswiġa u alterazzjoni ta' sistemi tad-drenaġġ, li jinsabu fil-klassi 4523

DIVIŻJONI 92: SERVIZZI REKREAZZJONALI, KULTURALI U SPORTIVI

Grupp 921: Servizzi taċ-ċinema u tal-video

Klassi 9211: Servizzi ta' produzzjoni ta' films u vidjows u servizzi relatati

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' produzzjoni ta' films ċinematografiċi u ta' vidjos li jikkonsistu f' servizzi tal-produzzjoni ta' films u vidjos għat-taħriġ, films u vidjos ta' pubbliċità, propaganda u informazzjoni, films u vidjos ta' divertiment
- Servizzi marbuta mal-produzzjoni ta' films u vidjos bħall-ipproċessar tal-films, id-doppjaġġ tal-films, l-istampar tat-titoli tal-films, l-editjar, il-qtugħ, eċċ.

Klassi 9212: Servizzi tad-distribuzzjoni tal-films ċinematografiċi u tal-video-tape

Din il-klassi tinkludi s-servizzi ta' distribuzzjoni ta' films u vidjos lill-industriji l-oħra, imma mhux lill-pubbliku ġenerali. Dan jinvolvi l-bejgħ jew il-kiri ta' films jew vidjos lill-industriji l-oħra, kif ukoll servizzi marbuta mad-distribuzzjoni ta' films u vidjos, bħar-riżervazzjoni, il-ħażna, il-kunsinna ta' films u vidjos, eċċ.

Klassi 9213: Servizzi tal-projezzjoni tal-films ċinematografiċi

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' projezzjoni ta' films fiċ-ċinema jew fl-apert u fi kmamar privati għall-wiri ta' films privati jew f'faċilitajiet oħra ta' projezzjoni

Klassi 9214: Servizzi tal-projezzjoni tal-video-tape

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' projezzjoni ta' vidjos f'ċinemas jew fl-apert u fi kmamar privati għall-wiri ta' vidjos jew f'faċilitajiet oħra ta' projezzjoni

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Il-kiri ta' oġġetti u apparat (kamaras, xenarju, eċċ.) lill-industriji tad-divertiment klassifikati fit-taqsimha 'Provvisti'; pereżempju: il-kiri ta' kamaras ċinematografiċi jinsab fil-klassi 3865, billi żżid il-kodiċi PA01-7 Kiri tal-Vokabolarju Supplimentari
- Servizzi ta' aġenzija f'isem artisti individwali, li jinsabu fil-grupp 799
- Servizzi ta' aġenzija għall-ikkastjar u r-riżervazzjoni, li jinsabu fil-grupp 923

Grupp 922: Servizzi tar-radju u tat-televiżjoni

Klassi 9221: Servizzi tar-radju

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' produzzjoni għall-programmi tar-radju, kemm diretti jew fuq tejp jew mezz ieħor ta' reġistrazzjoni, sabiex jixxandru aktar tard; dawn il-programmi jistgħu jkunu għad-divertiment, promozzjoni, edukazzjoni, disseminazzjoni ta' aħbarijiet, eċċ.
- Produzzjonijiet bħal avveniment sportivi, il-preżentazzjoni tat-tbassir tat-temp, intervisti, eċċ.
- Servizzi kombinati kemm għall-produzzjoni u għat-trażmissjoni ta' programmi tar-radju

Klassi 9222: Servizzi tat-televiżjoni

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' produzzjoni ta' programmi tat-televixin, kemm diretti jew fuq tejp jew mezz ieħor ta' reġistrazzjoni, sabiex jixxandru aktar tard; dawn il-programmi jistgħu jkunu għad-divertiment, promozzjoni, edukazzjoni, disseminazzjoni ta' aħbarijiet, eċċ.
- Produzzjonijiet bħal avvenimenti sportivi, il-preżentazzjoni tat-tbassir tat-temp, intervisti, eċċ.
- Servizzi kkombinati kemm għall-produzzjoni kif ukoll għat-trażmissjoni ta' programmi tat-televixin

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi ta' trażmissjoni ta' programmi tar-radju u tat-televiżjoni magħmulin minn oħrajn, li jinsabu fil-klassi 6422

Grupp 923: Servizzi tad-divertimenti

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi ta' aġenti teatrali u artistiki personali, li jinsabu fil-grupp 799
- Servizzi relatati mal-isport, li jinsabu fil-grupp 926

Grupp 924: Servizzi tal-aġenzija tal-aħbarijiet

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi tat-twassil ta' aħbarijiet (orali, miktuba jew immaġni) lill-midja, pereżempju radju, televiżjoni, gazzetti, rivisti jew kwalunkwe klijent ieħor
- Servizzi li jitwettqu mill-ġurnalisti indipendenti u mill-kameramen tal-istampa

Grupp 925: Servizzi tal-libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħrajn

Klassi 9251: Servizzi tal-libreriji u l-arkivji

Din il-klassi ma tinkludix:

- Il-kiri ta' vidjos u kotba, li jinsab fil-klassi 3925 u fil-grupp 221, billi żżid il-kodiċi PA01-7 Kiri tal-Vokabolarju Supplimentari

Klassi 9253: Servizzi ta' ġonna bottaniċi u zoloġiċi u servizzi tar-riżerva tan-natura

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi ta' konservazzjoni u manutenzjoni għal ġonna botaniċi u zoloġiċi
- Servizzi ta' sorveljanza, konservazzjoni u manutenzjoni għal parks nazzjonali u riżervi naturali
- Servizzi ta' żjajjar f'ġonna botaniċi u zoloġiċi
- Servizzi ta' preżervazzjoni tal-annimali selvaġġi

Grupp 926: Servizzi sportivi

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi operattivi għall-faċilitajiet sportivi li fihom isiru kull tip ta' avveniment sportiv; dawn il-faċilitajiet jistgħu jkunu areni jew stadji, magħluqa jew mgħottija, bil-faċilità, jew bla faċilità, fejn l-ispettatur jista' joqgħod bilqiegħda jew isegwi

- Servizzi relatati mal-isport bħal servizzi ta' organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi u servizzi ta' promozzjoni ta' avvenimenti sportivi

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Il-kiri ta' apparat sportiv, li jinsab fil-grupp 374, biż-żjieda tal-kodiċi PA01-7 Kiri tal-Vokabolarju Supplimentari

DIVIŻJONI 98: SERVIZZI OĦRA TAL-KOMUNITÀ, SOĊJALI U PERSONALI

Grupp 981: Servizzi tal-organizzazzjoni tal-imsieħba

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Servizzi edukattivi, li jinsabu fid-diviżjoni 80

- Servizzi tas-saħħa, li jinsabu fil-grupp 851

- Servizzi ta' ħidma soċjali, li jinsabu fil-grupp 853

- Servizzi sportivi, li jinsabu fil-grupp 926

- Servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi li jsiru minn oħrajn f'isem assoċjazzjoni, li jinsabu fil-klassi 7941

Klassi 9811: Servizzi furnuti mill-organizzazzjonijiet tan-negozju, professjonali u speċjalisti

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi furnuti minn organizzazzjonijiet tan-negozju (servizzi ta' tixrid ta' informazzjoni, servizzi ta' rappreżentazzjoni quddiem l-aġenziji tal-gvern, servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi u servizzi oħra, furnuti minn assoċjazzjonijiet li l-interessi tal-membri tagħhom jiffukaw fuq l-iżvilupp u l-welfare tan-negozju jew tal-kummerċ b'mod ġenerali jew ta' fergħa partikolari)

- Servizzi furnuti minn organizzazzjonijiet professjonali (servizzi ta' tixrid ta' informazzjoni, l-iżvilupp u s-sorveljanza tal-istandards tal-prattika għal professjonijiet partikolari, ir-rappreżentazzjoni quddiem l-aġenziji tal-gvern, servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi u servizzi oħra furnuti minn assoċjazzjonijiet li l-interessi tal-membri tagħhom jiffukaw fuq dixxiplini akkademiċi, Prattika professjonali u oqsma tekniċi b'mod ġenerali jew fuq qasam partikolari)

- Servizzi furnuti minn organizzazzjonijiet speċjalizzati (pereżempju, servizzi tas-sikurezza nukleari)

Klassi 9812: Servizzi pprovduti mit-trade-unions

Din il-klassi tinkludi servizzi furnuti mir-rappreżentanti tal-opinjoni tal-membri li jikkonċernaw is-sitwazzjoni tal-impjeg u servizzi tal-organizzazzjoni għal azzjoni kollettiva furnuti mill-assoċjazzjonijiet li l-membri tagħhom huma prinċipalment ħaddiema.

Klassi 9813: Servizzi varji tal-organizzazzjoni tal-imsieħba

Dan il-grupp jinkludi:

- Servizzi reliġjużi (servizzi ta' qima, taħriġ u studju reliġjuż furnuti direttament lill-fidili minn knejjes, moskej, tempji, sinagogi, eċċ.; servizzi reliġjużi speċjalizzati bħal servizzi ta' magħmudija, servizzi tal-grizma, servizzi ta' żwiġijiet, servizzi għall-mejtin, eċċ.; servizzi reliġjużi inklużi servizzi ta' rtiri pprovduti minn djar ta' ordnijiet reliġjużi)

- Servizzi furnuti minn organizzazzjonijiet politiċi (servizzi ta' tixrid ta' informazzjoni, servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi, servizzi ta' għbir ta' fondi u oħrajn simili, furnuti minn partiti politiċi u organizzazzjonijiet simili assoċjati ma' partijiet jew kandidati politiċi; dawn l-organizzazzjonijiet ikunu impenjati l-aktar sabiex ipoġġu lill-membri tal-partit jew lil dawk li jissimpatizzaw mal-partit f'kariga politika)

- Servizzi furnuti minn organizzazzjoni ta' sħubija soċjali (servizzi ta' sostenn għat-titjib ċiviku u ta' faċilità għall-komunità li jikkonsistu f'servizzi furnuti minn assoċjazzjonijiet tat-titjib ċiviku u minn organizzazzjonijiet simili, li huma magħmula l-aktar minn individwi li nqas flimkien sabiex imexxu 'l quddiem kawża jew kwistjoni pubblika b'edukazzjoni pubblika, influwenza politika, eċċ., jew servizzi furnuti minn assoċjazzjonijiet għas-sostenn tal-faċilitajiet tal-komunità u għal dawk soċjali u edukattivi, jew servizzi furnuti minn organizzazzjonijiet u movimenti ambjentali u ekoloġiċi)

- Servizzi furnuti minn organizzazzjonijiet oħra ta' sħubija soċjali bħal servizzi ta' protezzjoni għal gruppi speċjali, servizzi furnuti mill-assoċjazzjonijiet taż-żgħażaġh, servizzi soċjali għall-komunità, servizzi kulturali u mhux sportivi furnuti minn klabb ta' divertiment

Grupp 983: Servizzi varji

Klassi 9831: Servizzi tal-ħasil u l-ħasil fix-xott

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi tal-għbir tal-ħwejjeġ għall-ħasil (inklużi servizzi tal-ħasil ta' ħwejjeġ li jinvolvu d-depożitu jew il-kunsinna ta' ħwejjeġ mingħajr il-forniment ta' servizzi tal-ħasil jew tindif, servizzi tal-ġestjoni u l-operat tal-ħasil tal-ħwejjeġ)

- Servizzi tat-tindif tad-drapp (servizzi ta' ħasil, ħasil fix-xott u servizzi oħra ta' tindif, għal oġġetti magħmula mid-drapp, servizzi ta' saturazzjoni tad-drapp)
- Servizzi ta' tindif għall-prodotti magħmula mill-fer (servizzi ta' ħasil, ħasil fix-xott u servizzi oħra ta' tindif għall-prodotti tal-fer)
- Servizzi tal-għoti tal-kulur (servizzi tal-għoti tal-kulur għal ilbiesi u oġġetti magħmula mid-drapp li mhumiex marbuta mal-produzzjoni ta' dawn l-oġġetti)
- Servizzi tal-mogħdija (servizzi tal-mogħdija ta' ilbiesi u oġġetti magħmula mid-drapp, inklużi bjankerija tas-sodda u bjankerija tal-mejda, wara l-proċess tat-tindif)
- Servizzi taż-żebgħa tat-tessuti (servizzi taż-żebgħa għall-ilbiesi u oġġetti magħmula mid-drapp li mhumiex marbuta mal-produzzjoni ta' dawn l-oġġetti)

Klassi 9832: Servizzi għall-irranġar tax-xagħar u tat-trattament tas-sbuħija

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi għall-irranġar tax-xagħar (ħasil tax-xagħar, ittrimmjar u qtugħ, issettjar, żebgħa, tmewwiġ, illixxar u servizzi simili għall-irġiel, is-subien, in-nisa u l-bniet, servizzi tal-parrukkiera)
- Servizzi tat-trattament tas-sbuħija (trattament tal-wiċċ u tas-sbuħija, trattament kożmetiku, servizzi tal-kura tal-idejn u tas-saqajn)

Klassi 9834: Servizzi tal-akkomodazzjoni u uffċini

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi ta' tindif ta' akkommodazzjoniet, uffċini, djar u bini ieħor, li jinsabu fil-klassi 9061

Klassi 9836: Servizzi marittimi

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi ta' tiswija, manutenzjoni u oħrajn assoċjati relatati ma' tagħmir tal-baħar u tagħmir ieħor, li jinsabu fil-klassi 5024
- Servizzi ta' riċerka marittima, li jinsabu fil-klassi 7311
- Servizzi ta' sħarriġ marittimu, li jinsabu fil-klassi 7135

Klassi 9837: Servizzi tal-funerali u dawk relatati

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi taċ-ċimiterji li jinvolvu l-bejgħ jew il-kiri ta' siti, servizzi ta' manutenzjoni għaċ-ċimiterji, kura tal-oqbra u ċ-ċimiterji
- Servizzi ta' kremazzjoni
- Servizzi tal-funerali li jikkonsistu fl-arranġament ta' servizzi funebri u ċerimonji tal-kremazzjoni, il-ġarr tal-kadavri

Din il-klassi ma tinkludix:

- Servizzi ta' ġardinaġġ fiċ-ċimiterji, li jinsabu fil-klassi 7731

Grupp 989: Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet u korpi extra-territorjali

Klassi 9891: Servizzi speċifiċi għall-organizzazzjonijiet u l-korpi internazzjonali

Din il-klassi tinkludi:

- Servizzi fornuti min-Nazzjonijiet Uniti, mill-aġenzji speċjalizzati tagħha, mill-korpi reġjonali tagħha, eċċ., l-Unjoni Ewropea, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, l-Organizzazzjoni tal-Pajjiżi Produtturi u Esportaturi taż-Żejt u korpi internazzjonali jew taqsimiet extraterritorjali oħra
- Servizzi fornuti minn ambaxxati u rappreżentazzjonijiet minn pajjiżi oħra